Nru./No. 18,884
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu, 2012
Friday, 9th March, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3949 - 3954
Government Notices ..... *3949 - 3954*

Avviżi tal-Pulizija ..... 3955 - 3960
Police Notices ..... *3955 - 3960*

Avviż lill-Baħħara 3961
Notice to Mariners *3961*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 3961 - 3963
Employment Opportunities ..... *3961 - 3963*

Avviżi tal-Gvern ..... 3963 - 3968
Notices ..... *3963 - 3968*

Offerti ..... 3968 - 4007
Tenders ..... *3968 - 4007*

Avviżi tal-Qorti ..... 4008 - 4032
Court Notices ..... *4008 - 4032*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 317

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 104 imsejjaħ Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Għoti ta' Self lir-Repubblika Ellenika; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 105 imsejjaħ Att tal-2012 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Id-9 ta' Marzu, 2012

GOVERNMENT NOTICES

No. 317

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 104 entitled the Government Borrowing and Granting of Loans to the Hellenic Republic (Amendment) Act 2012; and

Bill No. 105 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2012.

9th March, 2012

Nru. 318

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 318

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Noel Borg	Aġent Direttur u Reġistratur tal-Istampa *Acting Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	7 - 9.03.2012

Id-9 ta' Marzu, 2012

9th March, 2012

Nru. 319

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 319

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Martin Spiteri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	19–22.03.2012

Id-9 ta' Marzu, 2012

9th March, 2012

Nru. 320

No. 320

WARRANT MILL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarju bis-Setgħa li tagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħha u sakemm tibqa' fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Dott. Tanya Vella

B'Awtorità

Christopher Said
Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja

Is-7 ta' Marzu, 2012
(MJHA/144/2003/X)

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as she continues in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Dr Tanya Vella

By Authority

Christopher Said
Ministry for Justice, Dialogue and the Family

7th March, 2012

Nru. 321

No. 321

ATT DWAR Il-*FOSTER CARE* (KAP. 491)

Ħatra tal-Bord tal-*Fostering*

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 206, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Marzu, 2012, ngħarrfu illi l-isem tal-Bord għandu jaqra 'Bord tal-*Fostering*' u mhux 'Bord ta' Appell'.

Id-9 ta' Marzu, 2012

FOSTER CARE ACT (CAP. 491)

Appointment of Fostering Board

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 206, published in the Government Gazette of the 2nd March, 2012, it is notified that the name of the Board should read 'Fostering Board' and not 'Board of Appeal'.

9th March, 2012

Nru. 322

No. 322

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI tax-Xogħol u t-Taħriġ b'din tgħarraf illi skont is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343), qed taħtar lis-Sur Nicholas Carabott biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' tqegħid ta' madum, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded.

Id-9 ta' Marzu, 2012

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

IN terms of sub-article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343), the Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Nicholas Carabott to assess the competencies relating to tile laying, for a period of two years that can be renewed.

9th March, 2012

Nru. 323

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 02582/07
Post: Sit f'Ta' Ħabel Lazz, fil-limiti ta' Kerċem (Għawdex)
Proposta: Biex tiġi rijabilitata barriera għall-użu agrikolu

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ngħata lill-Awtorità fis-7 ta' Diċembru 2009 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali limitat li ngħatat fis-16 ta' Jannar 2012.

No. 323

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption from Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 02582/07
Location: Site at Ta' Ħabel Lazz, l/o Kerċem (Gozo)

Proposal: To rehabilitate quarry for agricultural use

The following potential environmental concerns and mitigation measures were identified in the Project Description Statement (PDS) which was submitted to MEPA on 7th December 2009, and in the justification for exemption from a Environmental Impact Assessment (EIA) which was submitted on 16th January 2012.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq il-miżuri biex jittaffa l-impatt** ***Remarks on mitigation measures***
Trabijiet	Se jittieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jitnaqqsu t-trabijiet. It-tqegħid tal-ħamrija se jsir biss bejn April u Ġunju u/jew bejn Settembru u Diċembru, sabiex jiġi evitat is-sajf. Ġranet bix-xita jew mirjieħa se jkunu evitati wkoll. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra li huma *standard* għal dan it-tip ta' żvilupp.
Dust	*All practical measures will be taken to reduce dust emissions. Deposition of soil will only be carried out between April and June and/or between September and December, thereby avoiding the dry season. Rainy and windy days will also be avoided. Standard permit safeguards will also be adopted.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'barriera u għalhekk mhux mistenni li jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni.

Noise and vibration	*The proposed works will be located within a quarry, and thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimize the impact.*
Tniġġis tal-ilma	Se jkun meħtieġ permess ambjentali sabiex jiġi żgurat li jintuża biss skart inert meta tintradam il-barriera, biex b'hekk ma jkunx hemm riskji ta' tniġġis tal-ilma.
Water contamination	*An environmental permit will be required in order to ensure that only inert waste is used for infilling the quarry, thus avoiding risks of water contamination.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Id-9 ta' Marzu, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

9th March, 2012

Nru. 324

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 324

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Maria Dolores Camilleri	175469 (M)	*Private Addres:-* 42, "Ave Maria", Triq Sant'Antnin, Mosta *Business Address:-* "Private Eye", 42, "Ave Maria", Triq Sant'Antnin, Mosta

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Marco Borg	567565 (M)	No. 15, "Oasis", Triq Anġlu Mallia, Birkirkara

Edgar Borg	138856 (M)	No. 20, Triq il-Flotta, Gżira
Alfred Scicluna	244253 (M)	No. 3, "Marantha", Triq it-Taqtigħa, Żebbuġ
Claudio Cardona	577689 (M)	No. 19, Triq il-Kbira, Sqaq Numru 5, Siġġiewi
Francis Cassar	978850 (M)	No. 40, "Costantino", Triq il-Kitba, Fgura
Martin Ellul	35759 (M)	"Rossonero", Triq iċ-Ċeppun, Għaxaq
Stephanie Bernardette	54596 (M)	Binja Tas-Sgħajtar, Ent. D, Flat 2, Triq it-Tuffieħ, Naxxar
Carmel Sammut	461849 (M)	No. 9, "St. Nicholas", Flat 2, Triq Anġlu Gatt, Mosta
Victor Borg	491653 (M)	No. 209, Triq Santa Margerita, Siġġiewi
Carmel Farrugia	231564 (M)	24, "Tulipana", Triq Napuljun, Żurrieq
Maria Dolores Vidolich	270065 (M)	15, Triq San Franġisk Saverju, Birżebbuġa
Anton (Anthony) Borg	140864 (M)	No. 20, "Sardinella", Triq Francesco Zammit, Dingli
Mary Ann Deguara	135772 (M)	No. 17, "Lewisia", Triq il-Ġulepp, Mġarr
Stephen Paul Galea	444859 (M)	No. 15, "Tal-Karmnu", Triq Francesco Zammit, Dingli
Carmel Sammut	235753 (M)	No. 37, Redentur", Triq ix-Xefaq, Dingli
Anthony Lautier	521164 (M)	"Zelda", Triq Caravaggio, Għargħur
Raymond Vella	247680 (M)	No. 25, Triq l-Annunzjata, Tarxien
Andrew Calleja	514463 (M)	No. 17, Triq il-Vilhena, Żebbuġ
Raymond Mifsud	17466 (M)	No. 6, Triq il-Parroċċa, Sqaq Numru 3, Mqabba
Rita Psaila	493561 (M)	No. 60, "Granada", Triq Antonio Naniu, Rabat
Lara Marie Farrugia	432387 (M)	No. 33, "The Pines', Triq Indri Micallef, Luqa
Alexander Cutajar	375863 (M)	No. 9, "Qronfla", Trejqet il-Barunissa, Gudja
Justin Bartolo	269683 (M)	No. 61, "Limestone Court", Flat 12, Triq il-Wied, Mosta
Vincent Sacco	481346 (M)	No. 144, Triq is-Santwarju, Żabbar
Francis Bartolo	950850 (M)	"Cosbycote", Triq il-Kannun, Qormi
Josephine Moore	793658 (M)	No. 20, "Gesu Redentur", Triq Mondion, Fgura
John Gatt	442168 (M)	"John & Mary", Flat 1, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala
Mark Vella	543487 (M)	No. 74, "Microse", Flat 2, Triq Santa Liena, Birkirkara
Vivienne Theuma	439863 (M)	No. 104, "St. Pius", Triq Tal-Borġ, Paola

Nadia Magro	126282 (M)	"Tal-Mielħa Court", Blokk G, Flat 4, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex
Jesmond Pace	226163 (M)	"South Cliff Mansions", No. 3, Pace, Triq l-Iskal, Marsaskala
Darren Cauchi	448889 (M)	No. 12, Triq San Pawl, Sqaq Numru 1, Rabat

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Id-9 ta' Marzu, 2012

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

9th March, 2012

Nru. 325

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
09. 3. 2012	€41.589	€0.841

Id-9 ta' Marzu, 2012

No. 325

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

9th March, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 18

Bis-sahha tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit f'distanza ta' 50 metru mill-Postijiet ta' Votazzjoni fit-toroq imsemmija hawn taħt, nhar is-Sibt 10 ta' Marzu 2012 bejn il-5.00 a.m. u nofsillejl.

Malta

Skola Sekondarja Subien (Fortini Annexe)
Fuq il-Fortini, Birgu
Skola Primarja tal-Gvern
Triq il-Ħabs l-Antik, l-Isla
Skola Primarja tal-Gvern
Pjazza Federico Maempel, Qormi
Skola Primarja tal-Gvern
Pjazza Narbona, Qormi
Skola Primarja tal-Gvern
Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ
Skola Sekondarja Subien
Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ
Skola Primarja tal-Gvern
Triq l-Iskola, Siġġiewi
Skola Primarja tal-Gvern
Triq Ħal Warda, Ħ'Attard
Skola Primarja tal-Gvern
Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija
Skola Primarja tal-Gvern A
Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Skola Primarja tal-Gvern B
Trejqet l-Iskola, Birżebbuġa
Skola Primarja tal-Gvern
Triq il-Kbira, Ħad-Dingli
Skola Primarja tal-Gvern
Triq Sarria, Floriana
Skola Primarja tal-Gvern
Misraħ Turu Colombo, Il-Gżira
Skola Primarja tal-Gvern
Triq il-Madonna tal-Ġebla, Il-Gżira
Skola Primarja tal-Gvern
Triq San Bartilmew, Ħal Għargħur
Skola Sekondarja Bniet
Triq Farsons, Ħamrun
Skola Primarja tal-Gvern (G.P.)
Triq Ġużè Pace, Ħamrun
Liċeo tas-Subien
Triq Wenzu Mallia, Ħamrun

POLICE NOTICE

No. 18

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) and in terms of Subsidiary Legislation 65.13, the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles within 50 metres of Polling Places at the streets mentioned hereunder is prohibited, on Saturday 10th March 2012 from 5.00 a.m. until midnight.

Malta

Boys Secondary School (Fortini Annexe)
Fuq il-Fortini, Vittoriosa
Government Primary School
Triq il-Ħabs l-Antik, Senglea
Government Primary School
Pjazza Federico Maempel, Qormi
Government Primary School
Pjazza Narbona, Qormi
Government Primary School
Triq l-Isqof Caruana, Żebbuġ
Boys' Secondary School
Triq Sciortino, Żebbuġ
Government Primary School
Triq l-Iskola, Siġġiewi
Government Primary School
Triq Ħal Warda, Attard
Government Primary School
Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija
Government Primary School A
Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Government Primary School B
Trejqet l-Iskola, Birżebbuġa
Government Primary School
Triq il-Kbira, Dingli
Government Primary School
Triq Sarria, Floriana
Government Primary School
Misraħ Turu Colombo, Gżira
Government Primary School
Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira
Government Primary School
Triq San Bartilmew, Għargħur
Girls Secondary School
Triq Farsons, Ħamrun
Government Primary School (G.P.)
Triq Ġuzè Pace, Ħamrun
Boys Junior Lyceum
Triq Wenzu Mallia, Ħamrun

Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq l-Iskola, Ħamrun	Triq l-Iskola, Ħamrun
Ċentru Familja Mqaddsa	Ċentru Familja Mqaddsa
Pjazza Ninu Cremona, L-Iklin	Pjazza Ninu Cremona, L-Iklin
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq San Benedittu, Ħal Kirkop	Triq San Benedittu, Ħal Kirkop
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq l-Iskola, Ħal Luqa	Triq l-Iskola, Ħal Luqa
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa	Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa
Res. San Vinċenz De Paule	St Vincent De Paule Residence
Triq l-Ingiered, Ħal Luqa	Triq l-Ingiered, Ħal Luqa
Skola Sekondarja Subien	Boys' Secondary School
Triq Simpson, Marsa	Triq Simpson, Marsa
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Balbi, Marsa	Triq Balbi, Marsa
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq San Franġisk, Marsaxlokk	Triq San Franġisk, Marsaxlokk
Skola Primarja tal-Gvern A	Government Primary School A
Triq Grognet, Mosta	Triq Grognet, Mosta
Skola Sekondarja Bniet	Girls' Secondary School
Triq Wied il-Għasel, Mosta	Triq Wied il-Għasel, Mosta
Skola Sekondarja Subien	Boys' Secondary School
Triq il-Biedja, Mosta	Triq il-Biedja, Mosta
MCAST - *Institute of Business and Commerce*	MCAST - Institute of Business and Commerce
Triq Kordin, Raħal Ġdid	Triq Kordin, Paola
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Ġużè Damato, Raħal Ġdid	Ġużè Damato Street, Paola
Skola Sek. Subien	Boys' Secondary School
Triq Ġużè Damato, Raħal Ġdid	Ġużè Damato Street, Paola
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Dun Ġużepp Caruana, Ħal Safi	Triq Dun Ġużepp Caruana, Ħal Safi
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Blanche Huber u Triq N. Isouard, Tas-Sliema	Triq Blanche Huber and Triq N. Isouard, Sliema
Liċeo tas-Subien	Boys' Lyceum
Triq Blanche Huber k/m Triq Melita, Tas-Sliema	Blanche Huber and Melita Street, Sliema
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Lapsi, San Ġiljan	Lapsi Street, St Julian's
Dar Nru. 1	Premises No. 1
Triq Toni Camilleri, Burmarrad	Toni Camilleri Street, Burmarrad
Ċentru Parrokjali Qawra	Ċentru Parrokkkali Qawra
Triq Annetto Caruana, San Pawl il-Baħar	Triq Annetto Caruana, St Paul's Bay
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq San Ġużepp, San Pawl il-Baħar	St Joseph Street, St Paul's Bay
Liċeo tal-Bniet	Girls' Lyceum
Triq il-Fortizza, Sta Luċija	Triq il-Fortizza, Sta Luċija
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Madre M. Debrincat, Pembroke, Is-Swieqi	Triq Madre M. Debrincat, Pembroke, Swieqi
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Dun Ġużepp Zammit, Żurrieq	Triq Dun Ġużepp Zammit, Żurrieq
Skola Primarja tal-Gvern	Government Primary School
Triq Santa Katerina, Żurrieq	Triq Santa Katerina, Żurrieq

Għawdex

Gozo Centre for Arts and Crafts,
Triq J. F. de Chambray, Għajnsielem.
Skola Primarja tal-Gvern
Triq Sarg, Ta' Kerċem
Shalom
Triq Santa Luċija, Santa Luċija, Ta' Kerċem
Għassa tal-Pulizija
Triq Munxar, Il-Munxar
Skola Primarja tal-Gvern
Triq it-Tiġrija, Nadur
Skola Primarja tal-Gvern
Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Il-Qala
Skola Primarja tal-Gvern
Triq id-Duluri, San Lawrenz
Skola Primarja tal-Gvern
Triq it-Tiġrija, Ix-Xagħra
Skola Primarja tal-Gvern
Triq Sant' Indrija, Iż-Żebbuġ
Crystal Palace Hall
Triq ir-Rabat, Marsalforn

In-Naxxar

Nhar is-Sibt l-10 ta' Marzu, 2012 minn nofsinhar sa nofsillejl u nhar il-Ħadd il-11 ta' Marzu, 2012 bejn nofsillejl u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna (bejn Triq San Pawl u l-parkeġġ ta' quddiem it-Trade Fair Grounds).

Parkeġġ ta' quddiem it-*Trade Fair Grounds*. Triq it-Torri tal-Kaptan (il-parti tat-Triq li twassal lejn *Trade Fair Grounds*, mal-ġenb tal-*ground* tal-*football*).

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt l-10 ta' Marzu, 2012 bejn nofsinhar u nofsillejl tul ta' 50 metru fuq kull naħa tal-Kumpless Sportiv fi Triq l-Ewropa.

Nhar il-Ħadd il-11 ta' Marzu, 2012 bejn nofsillejl u nofsinhar minn: Tul ta' 50 metru fuq kull naħa tal-Kumpless Sportiv fi Triq l-Ewropa.

Vetturi misjuba pparkjati hawn jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Marzu, 2012

Gozo

Gozo Centre for Arts and Crafts,
Triq J. F. de Chambray, Għajnsielem.
Government Primary School,
Triq Sarg, Ta' Kerċem
Shalom
Triq Santa Lucija, Santa Lucija, Ta' Kercem
Police Station
Triq Munxar, Munxar
Government Primary School
Triq it-Tiġrija, Nadur
Government Primary School
Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala
Government Primary School
Triq id-Duluri, San Lawrenz
Government Primary School
Triq it-Tiġrija, Xagħra
Government Primary School
Triq Sant'Indrija, Żebbuġ
Crystal Palace Hall
Triq ir-Rabat, Marsalforn

Naxxar

On Saturday 10th March, 2012 from noon to midnight and on Sunday 11th March, 2012 from midnight to 11.00 p.m. through the folowing streets: Triq il-Markiż Giuseppe Scicluna (between Triq San Pawl and parking-area in front of Trade Fair Grounds).

Parking-area infront of Trade Fair Grounds. Triq it-Torri tal-Kaptan (situated on the side of the football pitch and leading to the trade fair grounds).

Rabat, Gozo

On Saturday 10th March, 2012 from noon to midnight within 50 metres on both sides of the Gozo Sports Complex at Triq l-Ewropa.

On Sunday 11th March, 2012 from midnight to noon within 50 metres on both sides of the Gozo Sports Complex at Triq l-Ewropa.

Vehicles found in contravention will be towed.

9th March, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 19

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2012 mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, mit-toroq li ġejjin: Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, San Ġuzepp, Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Franġisk u Palma.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' April 2012, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Nhar il-Ħadd it-8 ta' April 2012, mis-6.00 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, Triq Karità, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Triq San Ġużepp u Pjazza Indipendenza.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu irmonkati.

Għajnsielem, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2012 mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: J. F. de Chambray, Dun Ġużepp Galea Rapa, il-Mogħdija, Gleneagles, Għajnsielem, Ramon Perellos, Pjazza Indipendenza, Anġlu Grech, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara u Pjazza Madonna ta' Loretu.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu irmonkati.

Il-Fontana, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2012, mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin:Sptar San Ġiljan, Santa Duminka, il-Kappillan Ġużeppi Hili u l-Għajn

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2012 mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sptar San Ġiljan, Triq Santa Duminka, il-Kappillan Ġużeppi Hili u l-Għajn.

POLICE NOTICE

No. 19

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65.), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Victoria, Gozo

On Friday, 30th March, 2012 from 3.00 p.m. till midnight, through the following streets: Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, San Ġuzepp, Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Frangisk and Palma.

On Friday, 6th April 2012, from 3.00 p.m. to midnight through the following streets: Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

On Sunday 8th April 2012, from 6.00 a.m. to noon through the following streets: Pjazza San Ġorġ, Triq Karità, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Triq San Ġużepp and Pjazza Indipendenza.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Għajnsielem, Gozo

On Friday, 30th March, 2012 from 4.00 p.m. to 8.00 p.m. through the following streets: J. F. de Chambray, Dun Ġużepp Galea Rapa, il-Mogħdija, Gleneagles, Għajnsielem, Ramon Perellos, Pjazza Indipendenza, Anġlu Grech, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara and Pjazza Madonna ta' Loretu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Fontana, Gozo

On Friday, 23rd March, 2012, from 7.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets:Sptar San Ġiljan, Santa Duminka, il-Kappillan Ġużeppi Hili and l-Għajn

On Friday, 30th March 2012 from 7.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Sptar San Ġiljan, Triq Santa Duminka, il-Kappillan Ġużeppi Hili and l-Għajn.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu irmonkati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt l-24 ta' Marzu 2012, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ is-Sliem, Triq Bajjada, Triq ir-Redentur, Triq it-Tut, Triq Biancardi, Triq San Ġużepp, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju u Triq il-Kbira.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmonkati.

Id-9 ta' Marzu, 2012

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Żabbar

On Saturday 24th March 2012, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ is-Sliem, Triq Bajjada, Triq ir-Redentur, Triq it-Tut, Triq Biancardi, Triq San Ġużepp, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju and Triq il-Kbira.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

9th March, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 20

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikati hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu 2012 mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Mons. Luigi Catania, San Ġwann u San Bartilmew.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2012 mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, Karmnu Zarb, Emmanuel Perren, l-Oratorju, San Nikola, San Ġwann u San Bartilmew.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' April 2012 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann u San Bartilmew.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' April 2012 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, id-Dejqa, il-

POLICE NOTICE

No. 20

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħal Għargħur

On Friday, 16th March 2012 from 4.00 p.m. till 8.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Mons. Luigi Catania, San Ġwann and San Bartilmew.

On Friday, 30th March 2012 from 4.00 p.m. till 8.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, Karmnu Zarb, Emmanuel Perren, l-Oratorju, San Nikola, San Ġwann and San Bartilmew.

On Sunday, 1st April 2012 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann and San Bartilmew.

On Sunday, 8th April 2012 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, id-Dejqa, il-

Wiesgħa, Karmnu Zarb, Emmanuel Perren, l-Oratorju, San Nikola, San Ġwann u San Bartilmew.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

In-Naxxar

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu 2012 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Castro, E. Debono, il-Parroċċa, San Ġorġ u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2012 mill-4.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal il-21 ta' Settembru, l-Għenieq, il-Qoton u tal-Labour.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' April 2012 mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' April 2012 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' April 2012 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Żenqa u Santa Luċija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Ħad-Dingli

Minn nhar it-Tlieta, l-20 ta' Marzu 2012 sal-Erbgħa, l-4 ta' April 2012 minn Misraħ Ġużé Abela.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Marzu 2012 bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira (fejn Dar Don Bosco), San Rokku, il-Parroċċa, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużé Ellul Mercer, il-Kbira u tispiċċa Misraħ Ġużé Abela.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Marzu, 2012

Wiesgħa, Karmnu Zarb, Emmanuel Perren, l-Oratorju, San Nikola, San Ġwann and San Bartilmew.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Naxxar

On Friday, 16th March 2012 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Castro, E. Debono, il-Parroċċa, San Ġorġ and il-Kbira.

On Friday, 30th March 2012 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Santa Luċija, iż-Żenqa, Vjal il-21 ta' Settembru, l-Għenieq, il-Qoton and tal-Labour.

On Friday, 6th April 2012 from 2.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa and Santa Luċija.

On Sunday, 8th April 2012 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa and Santa Luċija.

On Sunday, 22nd April 2012 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Żenqa and Santa Luċija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Ħad-Dingli

From Tuesday, 20th March 2012 to Wednesday, 4th April 2012 through Misraħ Ġużé Abela.

On Saturday, 31st March 2012 between 4.00 p.m. and 8.00 p.m. through the following streets: il-Kbira (next to Dar Don Bosco), San Rokku, il-Parroċċa, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużé Ellul Mercer, il-Kbira and ending at Misraħ Ġużé Abela.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

9th March, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 6 tal-2012

Il-Cardinal Light Buoy fuq in-Nofsinhar tas-Sikka tax-Xlendi bil-Ħsara

B'riferenza għal BA Chart 211, id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-*Cardinal Buoy* bid-dawl fuq in-Nofsinhar tas-Sikka tax-Xlendi, li jinsab fuq arblu mwaħħal fis-sikka u mmarkat fuq il-mappa li jteptep sitt (6) darbiet malajr flimkien ma' teptipa twila kull ħmistax-il sekonda, fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36º 01'.736	14º 12'.805

għandu d-dawl u t-*top-marks* temporanjament bil-ħsara.

Charts affettwati: BA Chart 211, 2537

Id-9 ta' Marzu, 2012

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 6 of 2012

Xlendi Reef – South Cardinal Light Destroyed

With reference to BA Chart 211, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Xlendi Reef - South Cardinal light, situated on a fixed pole on the reef and charted as flashing quick 6 plus 1 long flash every 15 seconds, in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 01'.736	14º 12'.805

has the light and top-marks temporarily destroyed.

Charts affected: BA Chart 211, 2537

9th March, 2012

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi qed tfittex is-servizzi ta' *Facilitators tal-Portafoll* Tul il-Ħajja fil-Proġett SPARKLET. SPARKLET huwa proġett parzjalment iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea biex jikkoordina u joffri servizzi soċjali lill-immigranti li jinsabu fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew ċentri fil-komunità.

Għal aktar informazzjoni u/jew kopja tal-*job description,* ikkuntattja lil Leanne Vassallo fuq: 2145 5600 jew 21455 607 ext 130. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *Europass curriculum vitae*, jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis 15 ta' Marzu 2012 u għandhom jintbagħtu lil: (leanne.vassallo@gov.mt).


Id-9 ta' Marzu, 2012

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

The Foundation for Educational Services is seeking the services of Facilitators of the Lifelong Learning Portfolio for the SPARKLET Project. SPARKLET is a project partly funded by the European Commission to coordinate and deliver welfare services to migrants within closed and open centres.

For further information and/or a copy of the job description, contact Leanne Vassallo on: 21455 600 or 21 45 5607 ext 130. A covering letter together with Europass curriculum vitae will be accepted by noon on Thursday 15th March 2012 and should be sent to: (leanne.vassallo@gov.mt).

9th March, 2012



Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni ta' Migrazzjoni
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER)
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE: 25% Fondi Nazzjonali
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni



General Programme Solidarity & Management of Migration Flows 2007 – 2013
Project part-financed from the European Union
European Refugee Fund (ERF)
Co-financing rate: 75% EU Funds: 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U L-AFFARIJIET RURALI

Sejħa għall-Uffiċjali fuq id-Dgħajjes b'Kuntratt

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jgħarraf illi jilqa' applikazzjonijiet għal 'Uffiċjali fuq id-Dgħajjes' b'kuntratt biex jassigura l-implimentazzjoni tal-pjan għall-Irkupru tat-Tonn: Regolament tal-Kunsill 302/2009.

Numru ta' uffiċjali huma meħtieġa li jkunu abbord parti mid-dgħajjes tal-konz (itwal minn 15-il metru) u abbord il-bastimenti tal-irmonk matul kull sajda tagħhom fl-istaġun tas-sajd tat-tonn 2012.

L-uffiċjal ikun mitlub jiġbor informazzjoni fuq l-operazzjoni u jimla l-formoli apposta sabiex jiġu annessi mad-Dokumenti tal-*ICCAT (Bluefin Tuna Catch Document)* maħruġa mid-Direttorat tal-Kontroll tas-Sajd.

Id-dmirijiet tal-uffiċjal huma li:

a) jissorvelja l-konformità tal-bastiment tal-qbid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT;

b) jirreġistra u jirrapporta dwar l-attività tas-sajd, li trid tinkludi fost oħrajn, dawn li ġejjin:

dettalji tal-kampjun, abbażi tat-tul u l-piż, u s-sess;

l-ammont tal-qabda (inkluż *by-catch),* li tinkludi wkoll id-dispożizzjoni tal-ispeċi, bħal dawk miżmuma abbord jew mormija mejtin jew ħajjin;

żona tal-qabda bil-latitudni u lonġitudni,

miżura ta' sforz (eż., numru ta' settijiet, numru ta' ganċijiet, eċċ), kif definit fil-Manwal tal-ICCAT għal irkapti differenti;

id-data tal-qabda,

ċ) josserva u jistma qabdiet u jivverifika d-dettalji mniżżla fil-ġurnal ta' abbord,

d) jinnota u jirreġistra l-bastimenti li jistgħu jkunu qed jistadu kontra l-miżuri ta' konservazzjoni ICCAT.

Barra minn hekk, l-osservatur għandu jagħmel xogħol xjentifiku, bħal ġbir ta' *data* dwar *Task II,* meta meħtieġ mill-Kummissjoni, ibbażat fuq l-istruzzjonijiet mill-SCRS.

L-informazzjoni kollha miġbura għandha tkun konformi mal-pjan ta' rkupru għat-Tonn u regolamenti tal-UE.

L-uffiċjali ser jitħallsu bir-rata ta' €100 kull jum (ekwivalenti għal 24 siegħa), inkluż il-VAT meta fuq il-baħar.

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Call for Observers On-Board on Contract

The Ministry for Resources and Rural Affairs is receiving applications for the services of 'Observers On-Board' on contract in order to oversee to the implementation of the Bluefin Tuna Recovery Plan Measures: Council Regulation 302/2009.

A number of observers will be required to be on board part of the active Bluefin Tuna Longline Vessels over 15m and on board Towing Vessels during all their activities carried out in 2012.

The observer will be required to collect information on the operation and fill in the appropriate forms to be attached to the ICCAT Bluefin Tuna Catch Document issued by the Fisheries Control Directorate.

The observers' tasks shall be to:

a) monitor a catching vessel in compliance with the active ICCAT recommendation;

b) record and report upon the fishing activity, which shall include, amongst others, the following:

details of size sample, on the basis of length and weight, and sex;

amount of catch (including by-catch), that also includes species disposition, such as retained on board or discarded dead or alive;

area of catch by latitude and longitude;

measure of effort (e.g., number of sets, number of hooks, etc.), as defined in the ICCAT Manual for different gears;

date of catch,

c) observe and estimate catches and verify entries made in the logbook;

d) sight and record vessels that may be fishing contrary to ICCAT conservation measures.

In addition, the observer shall carry out scientific work, such as collecting Task II data, when required by the Commission, based on the instructions from the SCRS.

All information collected has to be in line with the Bluefin Tuna recovery plan and EU regulations.

The observers will be paid a daily rate (equivalent to 24 hours) of €100 including VAT when onboard.

L-uffiċjali jridu jkunu koperti minn polza ta' assikurazzjoni għall-ħajja li speċifikament tagħraf dan ix-xogħol u r-riskji tiegħu u għandhom ikunu liebsa skont l-i*standards* tas-Saħħa u Sigurtà.

Kull min hu interessat għandu jiġbor applikazzjoni mingħand id-Direttur (Kontroll tas-Sajd), Barriera Wharf, Valletta Attn: Is-Sur Clayton Buttigieg.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mid-Direttur (Kontroll tas-Sajd), Barriera Wharf, Valletta Attn: Is-Sur Clayton Buttigieg sa nofsinhar tal-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2012.

Id-9 ta' Marzu, 2012

The contracted observers have to be personally covered with a life insurance that specifically takes cognizance of the job and the related risks and should be duly equipped in accordance with Health and Safety standards.

Interested Parties are requested to obtain an application from the Director (Fisheries Control), Barriera Wharf, Valletta. Attn: Mr Clayton Buttigieg.

Applications will be received by the Director (Fisheries Control), Barriera Wharf, Valletta, Attn: Mr Clayton Buttigieg up to noon on Friday, 16th March, 2012.

9th March, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Riżultat tal-Proċess ta' Għażla għall-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché* (Instituzzjonijiet tal-UE) fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi r-riżultati tal-proċess ta' għażla biex timtela l-pożizzjoni msemmija hawn fuq fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jinsabu fuq in-*notice-board*, li jinsab fit-Tielet Sular tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, 'Palazzo Parisio', Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Marzu, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Results of the selection process for the Position of Technical Attaché (EU Institutions) at the Permanent Representation of Malta to the European Union

It is notified for general information that the results of the selection process for the filling of the abovementioned position within the Ministry of Foreign Affairs may be viewed on the notice-board, situated at the Third Floor, Ministry of Foreign Affairs, 'Palazzo Parisio', Triq il-Merkanti, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th March, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Operations Manager* fil-Pixkerija, *Hardstanding Facility* u Servizzi tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' *Slipways* fid-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Faċilitajiet tal-Flotta tas-Sajd, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Marzu, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Post of Operations Manager in the Fishmarket, Hardstanding Facility and Slipways Repairs and Upkeep Services, in the Wholesale Markets and Fishing Fleet Facilities Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th March, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U L-AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Senior Architect and Civil Engineer* fid-Direttorat tar-Restawr, fid-Dipartiment għad-Disinn u t-Twettiq ta' Proġetti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għaar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Marzu, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Post of Senior Architect and Civil Engineer in the Restoration Directorate in the Project Design and Implementation Department, Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th March, 2012

DIPARTIMENT TAL-QRATI
TAL-ĠUSTIZZJA, MALTA

Riżultat għall-Post ta' Marixxall fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Id-Direttur Ġenerali (Qrati tal-Ġustizzja) jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u qed jintwera fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (ir-raba' sular), Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Id-9 ta' Marzu, 2012

COURTS OF JUSTICE
DEPARTMENT, MALTA

Result for the Post of Marshal at the Courts of Justice Department (Malta)

The Director General (Courts of Justice) notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board of the Courts of Justice Department (4th Floor), Triq ir-Repubblika, Valletta and that of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th March, 2012

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

***Rankings* għall-Borża ta' Studju taħt l-Iskema STEPS - Is-Seba' Sejħa**

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jgħarraf li r-*Rankings* għall-Borża ta' Studju taħt l-Iskema STEPS intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Kopja ta' dawn ir-*Rankings* jinsabu fuq in-*notice-board* ewlenija, Direttorati għall-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-*Rankings* huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, Floriana fuq in-numru tat-telefon 2598 2111.

Id-9 ta' Marzu, 2012

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Rankings for STEPS Scholarships – Seventh Call

The Director, Lifelong Learning, notifies that the Rankings for STEPS Scholarships have been sent to the candidates concerned.

A copy of the Rankings may be found on the main notice-board, Directorates for Education, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Further details may be obtained from the Local Council's telephone number on: 2156 3344.

9th March, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2012, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet għal:-

Kwot. Nru. 1/12. Provvista u konsenja ta' xkejjer ta' *cold tarmac*.

Kwot. Nru. 2/12. *Laptop*.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali: 2166 4888.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-9 ta' Marzu, 2012

ĦAL GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Ħal Għaxaq Local Council notifies that:-

Quotations will be received at the Council's Administrative Offices up to noon on Friday, 23rd March 2012, for:-

Quot. No. 1/12. Supply and delivery of bags of cold tarmac.

Quot. No. 2/12. Laptop.

Further details can be obtained from the Executive Secretary on the Local Council's telephone number: 2166 4888.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th March, 2012

KUNSILL LOKALI IL-BELT VALLETTA

Il-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 30 ta' Marzu, 2012, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 04/2012. Provvista u installazzjoni ta' *pedestrian railings*.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fl-istess uffiċċju tad-data tal-għeluq fis-1.00 p.m.. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq dan l-indirizz:

31, Triq Nofsinhar,
Valletta
Numru tat-Telefon: 2123 4141/ 2125 1400/ 2125 1396
Numru tal-*Fax*: 2125 1397
Email: valletta.lc@gov.mt

Id-9 ta' Marzu, 2012

VALLETTA LOCAL COUNCIL

The Valletta Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received by not later than noon on Friday 30th March, 2012 for:

Advt. No. 04/2012. Supply and installation of pedestrian railings.

Tenders will be opened in public at the same office on the closing date at 1.00 p.m. The Council reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

Further details are obtained from the Executive Secretary on address:

31, Triq Nofsinhar,
Valletta
Telephone number: 2123 4141/ 2125 1400/ 2125 1396
Fax number: 2125 1397
Email: valletta.lc@gov.mt

9th March, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

Lista ta' persuni kkwalifikati biex joqogħdu u li għandhom iservu bħala Primi Ġurati u Ġurati Ordinarji fil-Qorti Kriminali matul ix-xahar ta' April, 2012, skont l-artikolu 606 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Ediz. Riv.).

List of persons duly qualified and subject to serve as Foreman and Jurors in the Criminal Court during the month of April, 2012, in terms of section 606 of the Criminal Code (Cap. 9, Rev. Ed.).

PRIM ĠURATI

Abela Caruana Ignatius, Store Keeper, Pembroke
Apap Vincent, Signatory, Naxxar
Asciak Raphael, Accountant, Valletta
Attard John, Pensioner, San Ġwann
Barbara Francis, Nurse, Attard
Barbara Ian, University Graduate, Għargħur
Barbara Joseph, Assistant Manager, San Ġwann
Bartolo Patrick, Manager, Attard
Borg Konrad Gustav, Communications, Mosta
Bugeja Joseph, Signatory, Żejtun
Cardona neè Taliana Joanne, Public Officer, Birkirkara
Cassar Francis, Accountant, Marsaskala
Cassola Leone M, Printer, Attard
Collins Lawrence, Stationer, Żurrieq
Cortis Joseph, Public Officer, Ħamrun
Cremona Carmel, Production Manager, Attard
D'Amato Francis, Technical Officer, Żurrieq
Debono Lawrence, M Manager, Żebbuġ
Dimech Charlotte, Technical Officer, Fgura
Farrugia Carmel, Self Employed, Marsaskala
Farrugia Josephine, Self Employed, Tarxien
Gatt Hector, Clerk, Mosta
Gauci Felix, Technical, Officer Tarxien
Giglio Albert, Public Officer, Sliema
Grech Felix, Electrical Engineer, San Pawl il-Baħar
Grech Stephen, Signatory, Mosta
Mallia Stefan, Bank Employee, Msida
Saliba Edwin, Clerk, Santa Luċija
Zammit Anthony, Public Officer, Qormi
Zammit Carmel, Technical Officer, Marsaskala

ĠURATI ORDINARJI

Agius neè Pullicino Maria Rachel, University Graduate, Naxxar
Aloisio Johan, Electrical Engineer, San Ġiljan
Attard Louis E, Public Officer, Żabbar
Attard Salvatore, Director, Żebbuġ
Bajada Marie Louise, Communications, Sliema
Baldacchino Adrian, Director, Qormi
Balzan Colbert John, Employee, Birkirkara
Bianco Jacqueline, Housewife, Kalkara
Bonavia Charlotte, Communications, Fgura
Bonello Nazzareno, Worker, Rabat
Bonnici Pierre, Bank Manager, Birżebbuġa
Borg Cardona Andrew, Lawyer, Lija
Borg Cardona Matthew, I.T. Manager, Balzan
Borg Michael, Nurse, Rabat
Borg neè Saliba Mary, Clerk, Rabat
Bugeja Joshua, Lecturer, Għaxaq
Buhagiar Vanessa, Clerk, Xgħajra
Busuttil Joseph, Messenger, Ħamrun
Busuttil Robert, Teacher, Tarxien
Buttigieg Alexandra, Health Officer, Attard
Buttigieg Nathalie, Supervisor, Birkirkara
Cali Corleo Sergio, Radiographer, Sliema
Calleja neè Darmanin Rita, Public Officer, Paola
Camenzuli Herbert, Self Employed, Mosta
Camilleri Danika, University Student, Naxxar
Camilleri Emanuel, Time Keeper, Żabbar
Camilleri Mariano, Public Officer, Mosta
Camilleri neè Aquilina Tania, Public Officer, Fgura
Camilleri neè Grech Mallia Claire, Public Officer, Swieqi
Camilleri Victor, Assistant Technical Officer, Żabbar
Casha Allison, Cashier
Casingena Daniel, Communications, Fgura
Cassar Leonilda, Process Assistant, Qormi
Cassar Victor, Supervisor, Sliema
Cauchi Vincent G, Public Officer, Birkirkara
Chricop St John N Farrug Beverly Maryro, Clerk, Mosta
Ciappara Mark, Accountant, Siġġiewi
Cini Daniela, Social Worker, Swieqi
Coleiro Anthony, Electrical Engineer, Balzan
Cunningham Ian Joseph, Clerk, Naxxar
Curmi Franco, Teacher, Attard
Cutajar Maria Teresa neè Camilleri, Housewife, Naxxar
Debrincat Raymond, Director, Għajnsielem
Decelis Daren, Local Warden, Dingli
Decelis William, Procurement Co-Ordinator, Luqa
Degiorgio Joseph, Labourer, Birkirkara
Demartino Joseph, Subject Coordinator, Mosta
Desira Joseph, Self Employed, Fgura
Dillon Oisin Desmond, Unemployed, San Pawl il-Baħar
Dimech Victor, Signatory, Ħamrun
Ellul Angel, Clerk, Mqabba
Ellul Joseph, Tailor, Tarxien
Ellul neè Camilleri Elizabeth, Architect & Civil Engineer, Valletta

Fava Carmelo M, Public Officer, Santa Luċija
Felice Joseph, Clerk, Qormi
Fenech Anthony, Assistant Technical Officer, Żejtun
Fenech George, Director, San Ġiljan
Fenech Giuseppa, Public Officer, Rabat
Ferrito Jonathan, Broadcasting Employee, Għaxaq
Fiteni neè Fenech Connie, Supervisor, Siġġiewi
Formosa Anthony, Self Employed, Santa Venera
Frendo Michael T, Public Officer, Birkirkara
Galea Francis, Technical Officer, Mosta
Galea Liliana, Clerk, Marsaskala
Galea Mary Anne, Housewife, Tarxien
Galea Mary Helen, Signatory, Rabat
Galea Victor, Security Officer, Żurrieq
Gatt Anton, Clerk, Fgura
Gauci Mario, Director, Attard
Gellel Andreana, Social Worker, Tarxien
Gerada Joseph, Public Officer, Sliema
Grech Frank, Student, Kerċem
Grech Godwin, Dock Employee, Żebbuġ
Grech Paul, Driver, San Pawl il-Baħar
Grima Joshua, Maintenance Officer, San Pawl il-Baħar
Hamilton Adelaide, Public Officer, Żurrieq
Harmsworth Antonia, Housewife, Tarxien
Magri Richard, Clerk, Fgura
Mallia Carmel, Technical Officer, Birkirkara
Mangion John, Clerk, Ħamrun
Meli Ivan, Supervisor, Kirkop
Micallef Maurizio, Accountant, San Pawl il-Baħar
Mifsud Mandy, Communications, Żebbuġ
Mizzi Ronald, Communications, Kerċem
Montebello Helen, Director, Birkirkara
Montfort Lorraine neè Freeman, Housewife, Valletta
Muscat Angelina, University Student, Attard
Muscat Carmel, Public Officer, Qrendi
Pace Olivia Ann neè Marmarà, Insurance Underwriter, Birkirkara
Piscopo Peter, Chemist, Marsaskala
Portelli Peter, Engine Fitter, Pietà
Psaila Anthony, Bank Clerk, Fgura
Pulis Anthony Lee, Teacher, Żabbar
Pullicino Bridgette neè Galea, Lotto Receiver, Isla
Refalo Patricia, Clerk, Kerċem
Said Michel, Communications, Swieqi
Saliba Joseph, Public Officer, Birgu
Sammut Aaron, Shipping Clerk, Mosta
Sammut Christopher, Mechanical Engineer, Naxxar
Sammut Joseph, Assistant Foreman, San Ġwann
Sammut neè Zarb Rosalie, Nurse, Mosta
Sammut Pacifico, Public Officer, San Pawl il-Baħar
Sant'Angelo Alison, Psychotherapist, Lija
Sarsero Amanda, Mari Teacher, Santa Venera
Scerri Anthony, Technical Officer, Żabbar
Scerri Charles, Public Officer, Lija
Scerri neè Bonnici Cynthia, Occupational Therapist, Rabat
Schembri Matthew, Sales Manager, Marsaskala
Schembri Omar Joseph, Communications, Nadur
Scicluna Kenneth, Teacher, Luqa
Scicluna neè Galea Mariella, Public Officer, Rabat
Scicluna neè Xuereb Daniela, Teacher, Birkirkara
Stivala Renè, Psychologist, Tarxien
Tabone Elizabeth, Housewife, Żejtun
Tanti Bellotti neè Mallia Zarb Ruth, Executive Officer, Marsaskala
Taylor East Rita, Manager, Żebbuġ
Tonna Josette, Personal Assistant, Paola
Vassallo Saviour, Director, Swieqi
Vella Andrew, Technician, Siġġiewi
Vella Anthony, Accountant, Attard
Vella David, ECG Technician, Mosta
Vella John, Technical Officer, Xewkija
Vella Lydia, Housewife, San Pawl il-Baħar
Vella Maria neè Mallia, Housewife, Naxxar
Xerri George, Self Employed, Marsa
Xerri Mario, Accountant, Attard
Xuereb Adrian, University Graduate, Fgura
Xuereb Edmond, Clerk, San Ġiljan
Zahra De Domenico neè Mizzi Maryann, Public Officer, Attard
Zammit Andreana neè Borg, Housewife
Zammit Anthony, Nurse, Rabat
Zammit Fiona Ann neè Galea, Supervisor, Pietà
Zammit John, Clerk, Żurrieq
Zammit Joseph, Technical Officer, Żurrieq
Zammit Leopold, Public Officer, Naxxar
Zammit Marlene, Clerk, Rabat
Zammit Sylvana, Clerk, Paola
Zammit Theresa, Public Officer, Mosta
Zarb Victor, Technical Officer, Isla
Zerafa Vincent, Technical Officer, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Valletta, illum, il-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2012.

(Iff.) FRANKLIN CALLEJA
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Thursday, 1st day of March, 2012.

(Sgd) FRANKLIN CALLEJA
f/Registrar Courts and Criminal Tribunals

417

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-30 ta' Jannar 2012, Rikors Numru 66/2012, minn Mario Spiteri, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-eredità ta' ommu Giovanna Spiteri fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' zijuh Gerardo Demanuele, ġuvni, iben il-mejtin Michele Demanuele u Angela Demanuele xebba Magri, imwieled u kien joqgħod Cospicua fejn miet fid-9 ta' Jannar 2011 ta' 83 sena u li kellha karta tal-identità numru 0697827(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Marzu 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th January 2012, Application number 66/2012 by Mario Spiteri, whereby he prayed that it be declared open in favour of the heredity of his mother Giovanna Spiteri in its enterity, the SUCCESSION of his uncle Gerardo Demanuele, bachelor, son of; the late Michele Demanuele and Angela Demanuele nee Magri, born and resided in Cospicua where he died on the 9th January 2011 aged 83, holding identity card number 0697827(M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 2nd March 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

418

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' April 2011, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 135/11, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kenneth Mangion, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Kenneth Mangion (K.I. 469285M) ta' Alfano, Triq Annibale Preca, Lija, fit-18 ta' Jannar 2011, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) ta' 32, Merchants Street, Valletta

1. Ġġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li inti tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, datat 7 ta' Marzu 2008, fl-ammont ta' €2,869.28. Din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€756.51 fix-xahar wara dik id-data. Ai termini tal-istess kuntratt int titlef il-benefiċċju tat-terminu mogħti lilek u l-bilanċ ta' €187,665.03 isir dovut jekk ma ġġibx il-pagamenti arretrati in regola fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra.

2. Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta'€7,561.16 minnek dovuta fuq il-kont bin-numru 013-195540-001, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Overdraft Account, mill-Bank mittent u aċċettat minnek oltre l-imgħaxijiet, sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a decree on the 29th April 2011, in the records of the judicial letter number 135/11, in the names HSBC Bank Malta plc vs Kenneth Mangion, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Kenneth Mangion (I.D. 469285 M) of Alfano, Triq Annibale Preca, Lija, on the 18th January 2011, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Merchants Street, Valletta;

1. Brings to your formal notice the fact that you were in delay of payment on the loan given to you in the acts of Notary Dottor Malcolm Mangion, dated 7th March 2008, in the amount of €2,869.28. This sum of arrears has to be added with €756.51 every month after that date. In terms of the same contract you will lose the benefit of time given to you and the whole balance of €187,665.03, will be due if you do not make payment of the arrears within fifteen days from the date of service of this letter; and

2. Calls upon you so that within two days you pay the sums of €7,561.16 on the account number 013-195540-001, which sum was duly provided to you on the facility of Overdraft Account by the interpellant bank and accepted by you besides further interests, till the date of effective payment.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 2 ta'Marzu 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter serves to interupt prescription, and so it is required by law in terms of Article 2128 of the Code of Civil Procedure (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourself.

With Costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd March 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

419

B'digriet mogħti fit-28 ta' Frar 2012, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors Numru 339/2009RCP, fl-ismijiet Andrew Buhagiar noe vs Carmela Mifsud noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Nutar Anthony Grech Trapani, a tenur tal-Artikolu 187(3) Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' rikors tal-Appell, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors 339/2009 RCP, fl-ismijiet Andrew Buhagiar bħala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell residenti fl-Ingilterra vs (1) Carmela Mifsud, (2) Joseph Callus (3) Mary Buhagiar (4) Josianne Mercieca ilkoll bħala werrieta tal-mejta Antonia Callus 5) u għal kull interess li jista' jkollu Nutar Anthony Grech Trapani, fis-17 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti Andrew Buhagiar bhala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell, espona bir-rispett;

Illi l-esponent nomine ppreżenta s-segwenti rikors maħluf;

Illi Antonia Callus, li kienet tiġi z-zija tal-attriċi proprio, mietet fid-29 ta' Settembru 2004 u ħalliet testment li sar fid-29 ta'Marzu 2004, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus u Mary Buhagiar, aħwa Callus u Josianne Mercieca, ġew nominati eredi universali tal-mejta Antonia Callus u proprjetarji assoluti tal-ġeneralita tal-assi tagħha kollha, filwaqt li l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani, li kien in-Nutar Pubbliku inkarigat mit-testariċi biex jirredigi l-imsemmi testment.

Illi fit-Tieni Artikolu tal-imsemmi testment hemm imnizzel hekk;

'It-Testariċi qed tħalli b'titolu ta' Prelegat lin-neputija tagħha Caroline mart William Mitchell, residenti Stroud

By means of a decree given on the 28th February 2012, by the Court of Appeal, in the records of the Application Number 339/2009 RCP, in the names Andrew Buhagiar noe vs Carmela Mifsud noe, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Notary Anthony Grech Trapani, in terms of Article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal, filed, in the Court of Appeal, in the records of the Application 339/2009 RCP, in the names Andrew Buhagiar as mandatary of his daughter the absent Caroline Mitchell, resident in England vs (1) Carmela Mifsud, (2) Joseph Callus (3) Mary Buhagiar (4) Josianne Mercieca, all as heirs of the deceased Antonia Callus (5) and for any interest he may have Notary Anthony Grech Trapani, on the 17th June 2011, the applicant Andrew Buhagiar, as mandatary of his absent daughter Caroline Mitchell, respectfully pleaded;

That the applicant nomine, filed, the following sworn application;

That Antonia Callus, who was the aunty of the plaintiff died on the 29th September 2004 and left a will which was made on the 29th March 2004, in the records of Notary Anthony Grech Trapani.

That the defendant Carmela Mifsud, Joseph Callus and Mary Buhagiar, brothers and sisters Callus and Josianne Mercieca, were appointed universal heirs of the deceased Antonia Callus and absolute owners of the generality of all her assets, whilst the defendant Notary Anthony Grech, was the public notary appointed to draw up the said will.

That in the second Article of the said will there is written thus;

'The testatrix is leaving by title of Prelegacy to her niece Caroline wife of William Mitchell, resident, Stroud Green,

Green, Londra, Ingilterra, konsegwibbli appena tiġi nieqsa l-istess Testarici;

(1)in pjena u assoluta proprjetà l-garage bl-arja tiegħu, bla numru jew isem fi Triq ġdida proġettata bla isem li tisbokka f'Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, il-Qrendi, mibni dan il-garage fuq il-plot numru seba' (7) tal-art denominata tal-Mwieżeb sive Ta' Gana, liema plot hija hekk indikata fuq il-pjanta annessa ma' att tiegħi tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 1979.

Illi kif stqarr l-istess Nutar konvenut fl-ittra tiegħu datata 25 ta' Jannar 2005, il-prelegat imsemmi fit-tieni Artikolu tat-testment ta' Antonia Callus, li ġie redatt minnu kellu jkopri l-plot kollu bin-numru 7 tal-Imwieżeb u mhux biss il-garage bl-arja tiegħu.

Ili xi werrieta qegħdin jirrifjutaw li jirrikonoxxu lill-attriċi bhala proprejtarja tal-plot intier.

Illi l-esponent nomine, istitwixxa kawża għad-danni kontra l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani, minħabba negliġenza professjonali, in kwantu huwa naqas li jniżżel sewwa u korrettement il-volontà tat-testariċi.

Illi l-esponent nomine, interpella lill-konvenuti eredi tal-mejta Antonia Callus sabiex jimmettu lill-attriċi proprio Caroline Mitchell, fil-pussess tal-imsemmi plot numru 7 li jinsab fil-Qrendi ...omissis... iżda baqgħu inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li żżomm fermi u impregudikati t-talbiet tagħha kif dedotti fil-kawża Ċitazzjoni Numru 1128/06 GCD, fl-ismijiet 'Andrew Buhagiar bħala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell residenti l-Ingilterra vs Nutar Anthony Grech Trapani' titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli, jogħġobha għar-raġunijiet premessi;

1.Tordna u tikkundanna lill-konvenuti eredi tal-mejta testariċi Antonia Callus jimmettu lill-attriċi proprio Caroline Mitchell, fil-pussess tal-legat imħolli lilha fit-tieni Artikolu tat-testment tad-29 ta' Marzu 2004, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti eredi tal-mejta testarici Antonia Callus jirrilaxxjaw minnufih a favur l-attriċi Caroline Mitchell, bħala legatarja kif hawn fuq imfisser il-plot kollu li jinsab fil-Qrendi bin-numru 7 tal-Imwieżeb, sive Ta' Gana.

Bl-ispejjeż ...omissis... kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus u Josianne Mercieca, ippreżentaw risposta ġuramentata li biha kkontestaw it-talbiet.

London, England, to be recieved as soon as the same Testarix dies;

(1) in full and absolute ownership the garage with its airspace, without number or name in a new projected road,which abutts in Triq Monsignor Giuseppi Depiro, Qrendi, this garage is built on plot number seven (7) of the land known as tal-Mwieżeb, sive Ta' Gana, which plot is so indicated on the attached plan, with a deed of mine of the twenty second (22) of September 1979.

That as the same defendant Notarty declared in his letter dated 25th January 2005, the prelegacy mentioned in the second Article of the will of Antonia Callus, which was drawn up by him, had to cover all the plot with number 7 ta' l-Imwiezeb and not only the garage with its airspace.

That some heirs are refuting to acknowledge the plaintiff as owner of the whole plot.

That the applicant nomine, instituted a cause for the damages against the defendant Notary Anthony Grech Trapani, due to professional negligence, in so far as he failed to put down well and correctly the will of the testatrix.

That the applicant nomine called upon the defendant heirs of the deceased Antonia Callus, to put the plaintiff herself Caroline Mitchell, in possession of the said plot number 7 which is situated in Qrendi ...omissis... but they remained in default.

That thus this cause had to be made.

Thus the applicant, whilst holding firm and unimpaired her claims as brought forward in the cause Writ of Summons Number 1128/06 GCD, in the names 'Andrew Buhagiar as mandatary of his absent daughter Caroline Mitchell, resident in England vs Notary Anthony Grech Trapani' respectfully asks this Honourable Court, for the reasons premised;

1. To order and condemn the defendant heirs of the deceased testatrix Antonia Callus to put the plaintiff proprio Caroline Mitchell, in possession of the legacy left to her in the second Article of the will of the 29th March 2004, in the records of Notary Grech Trapani.

2. To order and condemn the defendant heirs of the deceased testatrix Antonia Callus, to release immediately in favour of the plaintiff Caroline Mitchell as legatee as above explained all the plot which is situated in Qrendi, with number 7 tal-Imwiezeb, sive Ta' Gana.

With costs ...omissis... against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

That the defendants Carmela Mifsud, Joseph Callus and Josianne Mercieca, filed a sworn reply in virtue of which they contested the claims.

Illi l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani, ippreżenta risposta ġuramentata li biha wkoll ikkontesta t-talbiet.

Illi l-konvenuta Mary Buhagiar li tiġi omm l-attriċi Caroline Mitchell ma kkontestatx it-talbiet.

Illi b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2011, L-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, iddeċidiet hekk;

'llli għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi ...omissis... tiċħad it-talbiet attriċi għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għar-raġunijiet hawn deċiżi. Bl-ispejjeż, kollha kontra l-attur nomine.

Illi l-attur nomine ħasu aggravt bil-preċitata sentenza u għalhekk qed jinterponi appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawza.

...omissis...

Il-fatti tal-każ.

...omissis.....

Meta dik il-kawża kienet waslet lejn l-aħħar, l-Onervoli Mħallef li kien qed jippresjedi qajjem il-kwistjoni, jekk in vista tal-provi li kienu jirriżultaw, kienx il-każ illi ssir talba biex l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-plot sħiħa u dan minkejja l-mod kif tniżżel il-legat.

...omissis...

Il-Portata tal-Legat.

Din toħrog mix-xhieda tan-Nutar Anthony Grech Trapani, li huwa x-xhud li fuqu hija ppernjata l-kwistjoni kollha. ..omissis... Sfortunatament din ix-xhieda tan-Nutar Grech Trapani, ma ngħatatx il-piż mistħoqq l-ebda parti minnha ma ġiet ikkwotata u x'aktarx li l-importanza tagħha sfuġġiet l-attenzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti.

In-Nutar spjega li huwa kellu fil-computer il-kuntratt tal-akkwist tal-plot billi huwa kien in-Nutar dakinhar ukoll. Għalhekk għamel 'cut and paste' tad-deskrizzjoni tal-konfini, b'mod li l-konfini tal-garage ġew jikkoncidu mal-konfini, tal-plot kollu. Dan il-fatt seta' jwassal għall-immissjoni fil-pussess tal-plot sħiħa u mhux biss tal-garage kif hemm imnizzel fil-legat.

Jidher iżda li l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma ntebħitx b'dina x-xhieda importanti u minflok kompliet tisħaq fuq il-prinċipju ġurisprudenzjali illi meta l-kliem tad-dispożizzjoni testamentarja jkun ċar, ma jkunx hemm lok għal interpretazzjoni oħra.

That the defendant Notary Anthony Grech Trapani filed a sworn reply in virtue of which he also contested the claims.

That the defendant Mary Buhagiar who is the daughter of the plaintiff Caroline Mitchell did not contest the claims.

That in virtue of a judgement given, on the 31st May 2011, the Honourable Civil Court First Hall, decided so;

'That thus for these reasons, this Court decides, ...omissis... by rejecting the plaintiff's demands as unfounded in fact and at law for the reasons herein decided. With all costs, against the plaintiff nomine.

That the plaintiff nomine felt aggrieved, by the above mentioned judgement and is thus filing an appeal therefrom before this Honourable Court of Appeal.

The facts which gave rise to this cause

...omissis...

The facts of the case.

...omissis...

When this cause had come close to the end, the Honourable Judge, who was presiding, raised the problem, whether in view of the proof which had been brought forward, was it the case that a request be made so that the plaintiff, be put in possession of the whole plot and this despite of the mode in which the legacy was written down.

...omissis...

The significance of the Legacy.

This results from the evidence of Notary Anthony Grech Trapani, who is the witness on whom the whole matter revolves ...omissis... Unfortunately this evidence of Notary Anthony Grech Trapani, was not given the due weight, no part of it was cited and probaly its importance escaped the attention of the Honourable First Court.

The notary explained that he had in the computer the deed of acquistion of the plot as he was the Notary also then. Thus he did 'cut and paste' of the description of the boundaries, in such a manner that the boundaries of the garage coincided with the boundaries of all the plot. This fact could have brought about to the granting of possession of the whole plot and not only the garage as written down in the legacy.

It appears however that the Honourable First Court, did not note this important evidence and instead continued to emphasise on the doctrinal principle that when the testamentary disposition, is clear, there is no room for another interpretation.

Illi l-esponent jagħmel riferenza għall-provi kollha li ressqu l-partijet. Iżda l-aktar xhieda importanti għall-finijiet ta' din il-kawża, hija dik li ssemmiet hawn fuq u cioè ix-xhieda mogħtija min-Nutar Anthony Grech Trapani, in kontro eżami ...omissis... Minn din ix-xhieda joħorġu cari żewġ punti.

1) Illi l-konfini tal-art, plot, indikati fil-legat jikkomprendu mhux biss il-garage iżda wkoll l-art kollha ta' madwarha, hekk kif riedet it-testariċi.

2) Illi hu kien bl-impressjoni, żbaljata, li fuq il-plot hemm biss il-garage, mentri fir-realtà hemm il-garage mibni fuq il-plot akbar.

Għaldaqstant din il-prova flimkien mal-provi l-oħra miġjuba mill-esponent nomine jiġġustifikaw it-talbiet attriċi sabiex Caroline Mitchell (legatarja) tiġi immessa fil-pussess tal-plot intier u mhux tal-garage biss. Dan għaliex in-Nutar Anthony Grech Trapani, għamilha ċara li dik kienet l-intenzjoni tat-testariċi u għaliex il-konfini indikati fil-legat kif redatt jinkludu mhux biss il-garaxx, iżda l-plot fl-intier tiegħu.

2. Illi bl-ikbar rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-sentenza turi li l-Ewwel Qorti, intilfet fuq dettalji ta' importanza sekondarja, ħafna minnhom skorretti, filwaqt li injorat l-aspetti l-aktar importanti tal-każ.

Għall-kuntrarju l-aspetti importanti jidher li ma ġewx mogħtija l-piż li jixirqilhom.

...omissis...

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet hekk.

...omissis...

Iżda d-dispożizzjoni testamentarja ma kitbithiex it-testariċi Antonia Callus iżda kitibha n-Nutar Grech Trapani. Kien il-kompitu tiegħu li jniżżel sew (wara li jkun fehem sew) il-volonta tat-testariċi. Jirrizżulta iżda, illi sar żball ġenwin min-naħa tan-Nutar, għaliex billi hu għamel 'cut and paste' tad-deskrizzjoni tal-konfini (mill-kuntratt ta' akkwist għal fuq it-testment) kellu l-impressjoni li l-garage u l-plot kienu ko-estensivi, mentri ma kinux. B'hekk ġara illi filwaqt li t-testariċi riedet tħalli lill-attriċi Caroline Mitchell, il-plot sħiha li fuqha kien hemm garage mibni, in-Nutar Grech Trapani, niżżel illi t-testarici ħalliet il-garage li fil-fehma zbaljata tiegħu kien jestendi fuq il-plot kollha.

Ghalhek fiwaqt li t-tesment sar 'inter alia' biex permezz tal-forma legali tat-testment jitħalla lil Caroline Mitchell, dak

That the applicant refers to all the proof brought forward by the parties. But the most important evidence for the purpose of this cause is that mentioned above and namely the evidence given by Notary Anthony Grech Trapani, in cross-examination ...omissis... From this evidence two points emerge clearly.

1) That the boundaries of the land ,plot indicated in the legacy include not only the garage, but also the surrounding land, as the testarix wanted.

2) That he had the wrong impression that on the plot there was only the garage, when infact there is a garage built on a larger plot.

Thus this proof together with the other proof brought by the applicant nomine justify the plaintiff's demands, so that Caroline Mitchell (legatee) be put in possession of the whole plot and not only the garage. This because Notary Anthony Grech Trapani, made it clear that this was the intention of the plaintiff and because the boundaries indicated in the legacy as drawn up include not only the garage but the whole plot.

2. That with the grearest respect towrads the Honourable Court of First Instance, the judgement shows that the Court of First Instance, was lost on details of secondary importance, a lot of them incorrect, whilst it ignored the more important aspects of the cause.

On the contrary the important aspects of the cause where not given the due weight.

...omissis...

The Honourable Court of First Instance made the conclusions.

...omissis...

But the testamentary disposition was not written down by the testator Antonia Callus, but written down by Notary Grech Trapani. It was his duty to write down well (after he has understood well) the will of the testatrix. It results however, that a genuine mistake, was made by the Notatry, because he did a 'cut and paste' of the description of the boundaries (from the contract of acquistion on to the will) he had the impression that the garage and the plot were co-extensive, whilst they were not. Thus it happened, that whilst the testarix, wanted to leave to the plaintiff Caroline Mitchell, the whole plot on which there was a garage erected, Notary Grech Trapani, wrote down that the testarix left the garage, which in his mistaken opinion, extended on the whole plot.

Thus whilst the will was made 'inter alia' so that by means of the legal form, of the will, there be left to Caroline

li Antonia Callus kienet gja ddikjart bil-miktub xort'oħra li riedt tħalliha spiċċa biex id-dispozizzjoni testamentarja ma tniżżlitx sew min Nutar Grech Trapani, del resto, kif ammess minnu stess u tħalla l-garage minflok il-plot kollha.

Minflok ma l-Ewwel Onorabbli Qorti, apprezzat dak li kien ġara, ikkonkludiet bil-maqlub.

'tali dokument ma jikkostitwiex testment skont il-Liġi nostrali). Fejn jingħad li jekk tiġi nieqsa riedet tħalli plot lill-attriċi u wkoll li din id-dikjarazzjoni kellha tkun parti integrali mit-testment tagħha.

...omissis...

In-Nutar Grech Trapani nnifsu, fix-xhieda mogħtija minnu fl-1 ta' Novembru 2010, jispjega kif sar dan l-izball.

...omissis...

Illi m'hemmx dubbju li din ix-xhieda ġenwina u raġunata tan-Nutar Grech Trapani, hija l-verità. Peress li hija ben spjegata u motivata din ix-xhieda kellha tiġi emmnuta. L-Ewwwel Onorabbli Qorti, għamlet apprezzament żbaljat u ma aċċettatx ix-xhieda tan-Nutar Grech Trapani bħala l-verità.

L-uniku mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, setgħet tasal għall-konklużjoni korretta kien billi tagħti piż lid-dikjarazzjoni rilaxxjata min-Nutar u lix-xhieda tiegħu in kontroeżami.

Illi l-punt li ma ġiex afferrat sew mill-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa li din mhix kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-volontà tat-testariċi. ...omissis... Din hi kwistjoni ta' żball magħmul min-Nutar, meta ġie biex iniżżel korrettement il-volontà tat-testatriċi, minħabba impressjoni li rriżultat żbaljata.

...omissis...

Fl-umli fehma tal-esponenti, l-Ewwel Onorabbli Qorti, warrbet l-aħjar prova jew l-aħjar provi dwar l-intenzjoni tat-testariċi, kif ukoll l-aqwa prova dwar kif ġara li tniżżlet ħaġa minflok oħra. B'hekk hija waslet għall-konklużjoni żbaljata.

...omissis...

Għaldaqtant l-Ewwel Onorabbli Qorti, minflok ma kkonċentrat fuq is-sinifikat u l-implikazzjonijiet u eżaminat bir-reqqa dina ċ-ċirkostanza dwar il-konfini indikati jkopru mhux biss il-garage iżda l-plot kollu, issorvolatha għal kollox.

Mitchell, what Anotina Callus, had already declared in writing, otherwise, it ended up by Notary Grech Trapani, not writing down correctly the testamentary disposition, as he himself admitted and the garage was left instead of the whole plot.

Instead of appreciating what had happened the Honourable First Court, concluded, to the contrary.

'such document does not constitute a will according to our Law). Whereby it is stated that if she dies she wanted to leave the plot to the plaintiff and also that this declaration had to be an integral part of her will.

...omissis...

Notary Grech Trapani himself, in the evidence given by him on the 1st November 2010, explains how this mistake was made.

...omissis...

That there is no doubt that this genuine and reasoned evidence of Notary Grech Trapani, is the truth. Because it is well expained and reasoned this evidence should have been believed. The Honourable Court of First Instance, made a wrong appreciation and did not accept the evidence of Notary Grech Trapani as the truth.

The only way in which the Honourable Court of First Instance, could arrive to the correct conclusion was only by giving weight to the declaration released by the Notary and to his evidence in cross examination.

The point which was not examined by the Honourable First Court, was that this is not a question of interpretation of the will of the plaintiff. This is a question of a mistake made by the Notary when he came to put down correctly the will of the testatrix, because of a wrong impression which resulted.

...omissis...

In the humble opinion of the applicant, the Honourable Court of First Instance, put aside, the best proof or the best proofs, regarding the intention of the testator, as well as the best proof as to how one thing instead of another was written down. Thus it arrived to the wrong conclusion.

...omissis...

Thus the Honourable Court of First Instance, instead of concentrating on the significance and implications and examined in detail this circumstance regarding the boundaries indicated do not cover only the garage, but the whole plot, it completely overrided it.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ssorvolat ukoll id-dikjarazzjoni tan-Nutar Grech Trapani illi;

'il-prelegat imħolli lil Caroline Micthell ikopri l-plot kollha'.

Għaldaqstant l-esponent nomine, filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi prodotti u jirriżerva li jressaq dawk il-provi li huma ammissibbli f'dan l-istadju skont il-liġi, u jinterponi appell mis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2011, fl-ismijiet premessi, ...omissis... tannulla u tħassar is-sentenza appellata u minflokk tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti.

Appellant noe: 197, Gransden, Triq il-Ħafur, Attard.

Appellati: 1...omissis...

2...omissis...

3...omissis...

4...omissis...

5. Nutar Anthony Grech Trapani. 'Ward u Żahar' Triq Henry Bouverie, Gżira.

Registru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 5 ta' Marzu 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Honourable Court of First Instance, overrided also the declaration of Notary Grech Trapani that;

'the prelegacy left to Caroline Mitchell covers all the plot'.

Thus the applicant nomine, whilst referring to all the proof produed and reserves to bring forward all the proof admissible at this stage according to law and files an appeal from this judgement of the 31st May 2011, in the names premised...omissis... annuls, cancels the judgement appealed and instead upholds the plaintiff's appeals, with costs against the defendants.

Appellant noe: 197, Gransden, Triq il-Hafur, Attard.

Respondents: 1...omissis...

2...omissis...

3...omissis...

4...omissis...

5.Notary Anthony Grech Trapani, 'Ward u Zahar' Triq Henry Bouverie, Gzira.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 5th March 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,.LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

420

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Marzu 2012, fuq rikors ta' MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa 25 ta' April 2012 fil-11.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'MRA026 (A26), QASAM INDUSTRIJALI, IL-MARSA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MARSALITE LTD:

Għamara u apparat tal-uffiċċju.

N.B. L-oġġetti msemmija jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 7/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th March 2012, on the application of MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD, Wednesday 25th April 2012 at 11.00 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at MRA026 (A26), QASAM INDUSTRIJALI, MARSA of the following items seized from the property of MARSALITE LTD:

Office furniture and equipment.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of file number 7/12.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th March, 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

421

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Marzu, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Giovanni Grixti, LL.D.), kumpilazzjoni Numru 208/2012 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)
(Spettur Fabian Fleri)

Kontra:

GODFREY CUTAJAR, 36 sena, scrap dealer, bin Salvu u Felicità xebba Muscat, imwieled Pietà, fis-17 ta' Jannar, 1976 u residenti 12, 'Winter Cherry', Triq il-Musbieħ, Birżebbuġa u detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 117476 (M).

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terżi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil Godfrey Cutajar jew li jkunu proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-imsemmi akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli b'riżerva għal dak l-ammont ta' flejjes li l-akkużat ikun jeħtieġ għall-għejxien tiegħu u tal-familja tiegħu wara li jkun aċċertat dak l-ammont permezz ta' talba appożita ai termini tal-Artikolu 5(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 5 ta' Marzu, 2012.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DOTT. ELIZABETH QUINTANO, LL.D.
Assistent Reġistratur, Qrati
u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd March, 2012 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Giovanni Grixti, LL.D.) Compilation number 208/2012 in the case:

The Police
(Inspector Angelo Gafà)
(Inspector Fabian Fleri)

Versus:

GODFREY CUTAJAR, 36 years, scrap dealer, son of Salvu and Felicità neé Muscat, born in Pietà on the 17th January, 1976 and residing at 12, 'Winter Cherry', Triq il-Musbieħ, Birżebbuġa and holder of Identity Card number 117476(M).

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Godfrey Cutajar and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property with a reserve on any amount necessary for the accused to maintain himself and his family. The amount will be established after a written request is filed by the accused. This order is made in terms of Section 5(2) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 5th March, 2012.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO, LL.D.
Assistant Registrar, Criminal Courts
and Criminal Tribunals

422

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-17 ta' Frar 2012, Rikors Numru 114/2012, minn Dionisia sive Denise Portelli, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Charles u Rita Bonett, aħwa Mizzi u aħwa tad-decujus u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom; favur Paul u George aħwa Cassar, ulied il-mejta Maria Dionisa neé Mizzi, din tal-aħħar oħt id-decujus, u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviza kull wieħed mnnhom; u favur Dionisia sive Denise Portelli u Stephen aħwa Mizzi, ulied il-mejjet John, dan tal-aħħar ħu d-decujus, u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviza kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' zijuha Alfredo Mizzi, ġuvni, iben il-mejtin George Mizzi u Spiridiona xebba Magrin

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 17th February 2012, Application number 114/2012 by Dionisia sive Denise Portelli, whereby she prayed that it be declared open in favour of Charles and Rita Bonett brother and sister Mizzi, brother and sister of the decujus and this in the quota of one forth (1/4) undivided share each one of them; in favour of Paul and George brothers Cassar, children of the late Maria Dionisia nee Mizzi, the later sister of the decusjus and this in the quota of one eight (1/8) undivided part each one of them; and in favour of Dionisia sive Denise Portelli and Stephen sister and brother Mizzi, children of the late John, the later brother of the decujus in the quota of one eight (1/8) undivided share each one of them the SUCCESSION of her uncle Alfredo Mizzi,

imwieled Valletta kien joqgħod Marsa u miet Pietà fit-18 ta' Novembru 2011 ta' 73 sena u li kellha karta tal-identità numru 0627538(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Marzu 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

bachelor, son of; the late George Mizzi and Spiridiona neé Magrin, born in Valletta, resided in Marsa and died in Pietà on the 18th November 2011 aged 73, holding identity card number 0627538(M) who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 2nd March 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

423

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tal-20 ta' Frar, 2011, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artiklu 187 (5) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-22 ta' Novembru, 2011, minn Bank of Valletta plc (C 2833) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-Lukanda mingħajr numru uffiċjali u bl-isem ta' The Lapsi Waterside, qabel magħrufa bħala The Balluta Hotel ġewwa Main Street, Il-Bajja tal-Balluta, San Ġiljan, konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' bini bl-isem 'Palmyra Mansions', proprjetà ta' Emmanuel Delicata jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Edgar Naudi jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' mija u tlieta u ħamsin Ewro u sebgħa u disgħin (€153.97), eretta fuq is-sit ġja okkupat mill-fondi 21, Bay Junction, San Ġiljan, u 52 A, Triq il-Kbira San Ġiljan, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha.

L-imsemmi fond hi proprjetà ta' Pyramid Hotels Limited (C 1636).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2012.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 20th February, 2011 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 22nd November, 2011 by Bank of Valletta plc (C2833), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

A hotel with no officially number and named The Lapsi Waterside, before known as The Balluta Hotel in Main Street, Balluta Bay, St.Julians bounded from the East with the said street, from the north with the property named 'Palmyra Mansions', property of Emmanuel Delicata or successors in title, and from the south with the property of Edgar Naudi or successors in title, subject to annual and perpetual ground rent of one hundred and fifty three Euro and ninety seven cents (€153.97), erected on the site already occupied with the properties 21, Bay Junction, St.Julians and 52A, Main Street, St. Julian, with all its rights and enjoyments.

The said tenement is the property of Pyramid Hotels Limited (C 1636).

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th March, 2012.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

424

Billi r-rikorrenti Angelo Cassar (K.I. 02637768M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 40/12 AL) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Amira fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 5 ta' Marzu, 2012

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas the plaintiff Angelo Cassar (I.D. 02637768M) filed an application under oath (No. 40/12 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Amira in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 5th March 2012

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

425

Billi r-rikorrenti Janice Abela (K.I. 373389M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 44/12 AL) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Zanaya Abela bin-numru 1052/2010 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 5 ta' Marzu, 2012

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas the plaintiff Janice Abela (I.D. 373389M) filed an application under oath (No.44/12 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Zanaya Abela number 1052/2010 in the Public Registry.

